MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**MIRIAM HAYMAN**

Seduta tat-18 ta' April, 2008

Numru. 414/2005

**Il-Pulizija**
**(Sp. Edel Mary Camilleri)**

**v**

**Hamad Khalil ta‘ 39 sena, iben Hamdu u Amula ta‘ Nazzjonalita‘ Sirjana, imwieled fl-1 ta‘ Awissu, 1966, fis-Sirja, residenti Malta Seaview, Flat 1, Triq F.M. Ferretti, Birzebbuga, kif ukoll Sapina, Triq il-Mimosa, Gwardamanga, Pieta, detentur tal-karta ta’ l-identita’ bin-numru 3965319**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza kontra l-hawn fuq imsemmi Hamad Khalil li gie akkuzat talli fil-5 ta‘ Mejju, 2005 u z-zminijiet ta‘ qabel,

f'Malta ghamel fasifikazzjoni, biddel jew ghamel xi tibdil f'passaport jew uza jew kellu ghandu passaport li hu jaf li gie ffalsifikat, imbiddel jew sar tibdil fih. Dan bi ksur tal-artikolu 5 tal-Kapitlu 61 tal-Ligijiet ta' Malta.

Kif ukoll talli taht l-istess cirkostanzi, xjentement ghamel uzu, minn sigilli, timbri jew marki u xjentement, minghajr awtorita' legittima kellu fil-pussess tieghu passaport li fih iffalsika sigilli, timbri jew marki ohra, li qeghdin sabiex jissigillaw, jittimbraw,jimmarkaw, jawtentikaw, jew jiccertifikaw fl-isem il-Gvern jew privati, jew li jkunu qeghdin taht il-garanzija pubblika. Dan bi ksur tal-artikoli 172 (1)(2), 176 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Kif ukoll talli taht l-istess cirkostanzi ghamel falsifikazzjoni jew xjentemnet ghamel uzu minn xi dokument iehor falsifikat, u cioe l-passaport tieghu stess. Dan bi ksur tal-artikolu 189 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali ghal proceduri sommarji a fol 34.

Rat li l-imputat ma kellu ebda oggezzjoni ghal tali proceduri u li wiegeb li ma kienx hati ta' l-akkuzi kif dedotti kontra tieghu.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet ix-xhieda.

Semghet it-trattazzjonijiet.

Ikkonsidrat

Illi ftit kienu l-provi prodotti f'din il-kawza. Senjalament, u dan qatt ma kien fatt ikkontestat, anke kif jirrizulta mit-trattazzjoni tad-Difiza, it-timbri, jew certi timbri li fuqhom u dwarhom iddur din il-kawza, huma foloz, fis-sens illi ma jaqblux ma' dawk uzati mill-Immigration, fis-sena 2004. Fil-fatt l-espert tal-Qorti Joseph Mallia hekk ikkonkluda meta ghamel ezami komparattiv bejn it-timbri li jidhru fuq il-passaport in kwistjoni, u t-timbri uzati mill-Immigration

fis-sena msemmija l-Ispettur John Ellul, ex parte bhala espert tal-pulizija, wkoll wasal ghal din il-konkluzjoni.

Ovvjament il-passaport esebit kien dak li bih l-akkuzat dahal go pajjizna kif jirrizulta mix-xhieda; ta‘ PS 469 Matthew Azzopardi.

Min-naha tieghu l-akkuzat irrilaxxa stqarrija lill-Ufficjal Investigattiv u l-Ufficjal Prosekutur fil-kawza,  kif ukoll ghazel li jixhed viva voce.

Fl-istqarrija, huwa spjega illi l-passaport tieghu kien gie uzat minn huh meta huwa kien gewwa s-Sirja.   Spjega x-xebh li hemm bejnu u bejn huh u li kienet bintu fl-assenza tieghu li kienet tat dan il-passaport   lil zewgha.   Fil-fatt l-istess Ufficjal Investigattiv ukoll tidher mid-domandi li ghamlet lill-akkuzat fi stadju ta‘ l-interrogatorju, li accettat illi hu l-akkuzat kien fil-fatt dahal Malta billi ghamel uzu mill-passaport ta‘ l-imputat.   (vide folio 36).

Issa l-akkuzi dedotti kontra Hamad Khalil huma dawk taht l-artikolu 5 tal-Kapitlu 61, 172(1)(2), 175 u 189 tal-Kapitlu 9.

Issa r-reati kollha (enfazi tal-Qorti) in dizamina ghandhom bhala rekwizit ix-xjenza ta‘ l-akkuzat ta‘ passaport li kien jaf (a) li kien iffalsifikat, imbiddel jew li sar tibdil fih (b) ta‘ uzu minn sigilli, timbri jew marki (c) xjenza ta‘ passaport li fih iffalsifika sigilli, timbri  jew marki ohra (d) xjenza ta‘ uzu ta‘ dokument, cioe passaport iffalsifikat.

Ghalhekk immedjatament jirrizulta car illi l-Prosekuzzjoni apparti ghall-fatt li kellha tipprova l-uzu ta‘ tali passaport, fatt pruvat, kif ukoll l-ezistenza ta‘ timbri ffalsifikati fl-istess passaport, fatt ukoll pruvat pero‘ naqset fil-fehma ta‘ din il-Qorti li tipprova x-xjenza ta‘ l-akkuzat kif rikjest mil-ligi. Ghal tali raguni din il-Qorti konsiderando dan in-nuqqas min-naha tal-Prosekuzzjoni, kif ukoll il-fatt li spjegazzjoni li ta l-akkuzat f’zewg okkazjonijiet hija probabbli (huwa fil-fatt viva voce kkonferma dak li qal fl-istqarrija), qeghda tilliberah mill-akkuzi kif dedotti kontra tieghu.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------